II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Mejju 2011

dwar il-konklużjoni ta' Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros

(2011/294/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-punt (a) tal-Artikolu 218(6), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Fil-5 ta' Ottubur 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1563/2006 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros [1]. Protokoll huwa anness ma' dan il-Ftehim.

(2) L-Unjoni Ewropea nnegozjat mal-Unjoni tal-Komoros (minn issa "il-Komoros") Protokoll ġdid li joffri lill-bastimenti tal-UE opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li fihom il-Komoros jeżerċitaw is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tagħhom fuq is-sajd.

(3) B'riżultat ta' dawn in-negozjati, il-Protokoll ġdid ġie inizjalat fil-21 ta' Mejju 2010, u ġie emendat permezz ta' Skambju ta' Ittri fis-16 ta' Settembru 2010.

(4) ĊB'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/783/UE [2], dan il-protokoll ġdid ġie ffirmat fil-31 ta' Diċembru 2010 f'isem l-Unjoni Ewropea u ġie applikat b'titolu provviżorju.

(5) Il-Protokoll il-ġdid għandu jiġi konkluż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u l-Unjoni tal-Komoros, huwa approvat f'isem l-Unjoni l-Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni Ewropea, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 14 tal-Protokoll [3].

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Mejju 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

MARTONYI J.

---

[1] ĠU L 290, 20.10.2006, p. 6.

[2] ĠU L 335, 18.12.2010, p. 1.

[3] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.